MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 468/2005

**Clinical Administrative Services Limited**

**Vs**

**Antoinette Mifsud f'isimha proprju**
**u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta pro et noe tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1,895.15c) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi lill-konvenuta, u fornituri, inkwantu ghall-elf, sebgha mija u sebghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1770.62c) ghall-servizzi rezi lill-konvenuta u fornituri u in kwantu ghal mija erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm124.53c) ghas-servizzi resi u

forNituri lid-decujus Marcel Mifsud fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura akkumulati kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. In-nullita' ta' l-avviz, billi ghandu mankanzi li ma humiex sanabbli.
2. Illi n-notifika ta' l-avviz lill-eccipjenti ma hix valida skond il-ligi, billi l-kopja ta' l-avviz li rceviet l-eccipjenti hija monka u jonqosha dettalji ta' importanza li jirrenduha nulla.
3. Illil-eccipjenti ma hix l-eredi ta' Marcel Mifsud u ghalhekk, in kwantu citata bhala l-eredi tieghu, ma hix il-ligittima kontradittur tas-socjeta attrci u ghandha tigi estromessa mill-kawza.
4. Illi l-eredita' ossija l-eredi ta' Marcel Mifsud, ghalkemm citati fil-kawza, ma gewx indikati u anqas notifikati, u ghalhekk l-istess kawza ma tistax tiprosegwi minghajrhom.
5. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu diretta lejn il-konvenuta Antoinette Mifsud u lejn l-eredita' ta' Marcel Mifsud, hi fiz-zewg kazi preskritta (Artikolu 2148 u 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
6. Illi l-azzjoni attrici hi kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 13 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, din is-sentenza preliminari hi limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet kif spjegati fl-imsemmi verbal li sar fis-seduta li nzammet fil-21 ta' April 2006.

Illi hu fatt, risultanti mill-istess avviz, illi dan hu difettuz skond kif hu mnizzel fl-imsemmi verbal.  A basi ta' dan il-konvenuta tikkontendi li d-difetti in esami huma ta' tali gravita' illi ghandhom jwasslu sabiex kemm l-avviz kemm in-notiika ta' dan lill-konvenuta (ara fol 7 tal-atti) ghandhom jigu ritenuti bhala nulli.  Pero, tenut kont li ma jidhirx illi l-istess konvenuta soffriet xi forma ta' pregudizzju permezz tal-imsemmi difetti, l-avviz ghandu jigi ritenut bhala validu skond il-ligi.  Difatti, kif jidher mill-istess atti l-konvenuta ssottomettiet l-eccezzjonijiet taghha li jinvolvu, oltre dawk in esami materji ohra li ghandhom jigu decizi minn din il-Qorti specifikatament il-preskrizzoni ta' din l-azzjoni, in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju u dwar jekk il-konvenuta hiex il-legittimu kontradittur.  Ghalhekk la darba il-konvenuta ma soffriet l-ebda forma ta' pregudizzju fid-difisa taghha, l-ewwel zewg eccezzjonijiet ma jistghux jigu akkolti u dan kollha minghajr il-htiega li tintalab xi korrezzjoni da parti tas-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet enumerati “1” u “2” u tordna l-prosegwiment ta' din il-kawza, bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------